ŻEBBUĠ

**MINUTI TAL-LAQGĦA MSEJĦA B' URĠENZA**
**TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN**

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: L-Erbgħa, 24 ta' April 2013**

**Ħin: Fit-3.30 ta' wara nofsinhar**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Emmanuel Debono – Viċi Chairperson**
- **Is-Sur George Sacco – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Is-Sur Victor Refalo u s-Sur Joseph Zammit kienu skużati.

Ippresjediet il-laqgha ċ-Chairperson is-Sinjura Marija Saliba.

## TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

Iċ-Chairperson qalet l-iskop ta' din il-laqgħa hu biex tittieħed deċiżjoni dwar l-għeluq ta' parti minn Triq il-Port.

Wara diskussjoni fit-tul, il-Kumitat unanimament qabel li parti minn Triq il-Port, mill-kantuniera ta' Triq il-Forn sa kantuniera ma' Misraħ M' Anġ Refalo tingħalaq kompletament għat-traffiku mill-11.00 ta' filgħodu sal-4.00 ta' filgħaxija u mis-6.00 ta' filgħaxija sal-4.00 ta' filgħodu tal-ġurnata ta' wara u dan b' seħħ mill-1 ta' Mejju 2013. Il-Kumitat qabel li t-triq għandha tingħalaq fil-ħinijiet indikata s-sena kollha.

Il-Kumitat qabel li jgħaddi għall-kunsiderazzjoni ta' Transport Malta biex id-direzzjoni tat-traffiku fi Triq il-Port issir bil-maqlub ta' kif inhi, il-vetturi jidħlu minn Triq il-Forn lejn il-Menqa.

Il-laqgħa ntemmet fil-4.45 ta’ filgħaxija**.**

Marija Saliba
Chairperson

Diane Tagliaferro
Segretarja Eżekuttiva